# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, it-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 2025**

**Avviż numru: 7/2019 BS**

**Alysia Cassar Spiteri u żewġha Manwel Spiteri**

**-vs-**

**John Cauchi u Annunziata Cauchi u**
**Euro Freight Services Limited**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-avviż tal-atturi**[1] li bih talbu lill-konvenuti jgħidu l-ghaliex m'għandhomx ikunu kkundannati;

Jħallsu lill-mittenti s-somma ta' seba' t'elef sitt mija erbgħa u disgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€7,694,28) konsistenti f'danni li huma ġarrbu konsegwenza diretta tan-nuqqas tagħhom jew min minnhom f'li jikkonsenjaw il-merkanzija tal-esponenti hekk kif kienu obbligati jagħmlu.

[1] Avviż a fol 1.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' April 2019.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti John Cauchi u Annunziata Cauchi**[2] li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament l-eccepjenti John u Annunziata konjugi Cauchi ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi stante illi kwalsijasi relazzjoni guridika li ghandhom l-eccepjenti hija mal-konvenut l-iehor.*

2. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti hadu kull prekawzjoni necessarja skond l-arti u s-sengha sabiex il-merkanzija li huma garrew ma jigrilha l-ebda hsara. Illi fil-fatt l-esponenti konvinti illi jekk il-merkanzija verament gralha xi hsara din ma setghetx grat fil-mument li kienet fil-pussess taghhom.*

3. *Illi meta gie mwassal l-oggett il-konvenuti*[3] *ffirmaw ricevuta ghalih u ma ghamlu l-ebda pretensjoni ta' hsarat.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jirrizulta illi l-merkanzija ma gietx ippakjata skond l-arti u s-sengha mill-persuna li ghamlet l-ispedizzjoni u l-bilanc tal-probabilitajiet huwa illi l-hsara arrekat fit-tranzitu ta' din il-merkanzija qabel ma din giet fil-pussess ta' l-eccepjenti, li kif intqal hadu l-prekawzjonijiet kollha biex il-merkanzija titwassal sana u salva.*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Rat ir-risposta tas-soċjeta' konvenuta Euro Freight Services Limited**[4] li permezz tagħha eċċepiet:

*Illi t-talbiet tal-atturi, in kwantu indirizzati kontra l-esponenti huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi u dan għal diversi raġunijiet fosthom, primarjament, għaliex l-eċċipjenti kkonsenjat il-merkanzija afdata lilha fi stat u kundizzjoni tajba lill-persuna maħtura u inkarigata mill-atturi stess sabiex tirċeviha, u minn hemmhekk*

[2] Risposta a fol 8.
[3] Jirriżulta lill din il-Qorti li hawnhekk il-kelma "konvenuti" kellha fil-fatt taqra "atturi".
[4] Risposta a fol 10.

*il'quddiem, ir-responsabbilta għall-istess merkanzija għaddiet f'idejn l-atturi jew il-persuna maħtura minnhom ad esklużjoni tal-eċċipjenti.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Settembru, 2020 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa.[5]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2021 is-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Service Limited* iddikjarat il-provi tagħha magħluqha.[6]

**Rat** in-nota tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* tas-27 ta' April, 2023 li biha eżebit [i] *Bonds Unloading Report* imħejji mill-*bond operator* Aiden Galea nhar l-20 ta' Marzu, 2019; [ii] *Notice of Arrival* mibgħuta lill-atturi; [iii] *Cargo Receipt* dwar il-merkanzija tal-atturi, u; [iv] *Delivery Note* dwar l-istess merkanzija ffirmata mill-konvenut John Cauchi fid-29 ta' Marzu, 2019[7] b'referenza li l-merkanzija nġabret *"received in good condition"*.[8]

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2023 id-difensur tal-konvenuti konjuġi Cauchi talab il-ħatra ta' espert kaligrafu sabiex jikkonferma jekk id-data li tidher fid-dokument li fin-nota tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* tas-27 ta' April, 2023 ġie msejjaħ "*Delivery Note* dwar il-merkanzija tal-atturi"[9] taqrax fil-fatt l-24 jew id-29 ta' Marzu, 2019. Id-difensur tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* iddikjara li għandu fil-pusess tiegħu dokument li juri li fl-24 ta' Marzu, 2019 il-kunsinna kien għadha f'idejn id-Dwana ta' Malta. Il-Qorti ordnat lid-difensur tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* jgħaddi kopja tat-tali dokument lill dak tal-konvenuti konjuġi Cauchi sabiex l-istess jirregolaw ruħhom.[10]

---

[5] Verbal a fol 62.
[6] Verbal a fol 77.
[7] Fin-nota din id-data hija mniżżla bħala id-29 ta' Marzu, 2023 – kjarament żball tal-pinna meta wieħed jara d-dokument proprju – ref dockuemnt eżebit varji drabi fl-atti nkluż a fol 76 u 146.
[8] Nota a fol 142, rapport a fol 143, *notice of arrival* a fol 144, irċevuta a fol 145, *delivery note* a fol 146.
[9] Fil-fatt id-dokument iġib it-titolu ta' *Delivery Order 129015* u ġie eżebit, *inter alia*, mill-atturi a fol 61 u mis-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* a fol 76, a fol 146, u għal darb' oħra a fol 160
[10] Verbal a fol 172 u 173.

**Rat** in-nota tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* tas-7 ta' Novembru, 2023 li biha eżebit varji dokumenti rilevanti għal-kwistjoni dwar id-data li tidher fuq id-dokument *Delivery Order 129015* inkluż sensiela ta' dokumenti li juru kif il-*bond operator* Aiden Galea jikteb in-numri "4" u "9".[11]

**Rat** in-nota tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* tat-8 ta' Marzu, 2024 li biha eżbit kopja oħra tad-dokumenti li xehed fuqhom ix-xhud rappreżentant tad-Dwana ta' Malta Patrick Cutajar.[12]

**Rat** li b'nota tal-25 ta' Ottubru, 2024 il-konvenuti konjuġi Cauchi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqha.[13]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2024 il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista tiġi differita għas-sentenza bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet finali. Il-kawża ġiet mħollija għal-llum għad-deċiżjoni.[14]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

---

[11] Nota a fol 174. Dokumenti a fol 177 sa 190. Id-dokumenti maħruġa mid-Dwana ta' Malta ġew debitament konfermati bil-ġuramenti bħala awtentiċi mix-xhud Patrick Cutajar, rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana, traskrizzjoni a fol 206 sa 234 – ref.: *inter alia*, id-dikjrazzjonijiet tiegħu fil-paġni tat-traskrizzjoni li jinsabu a fol 222 u fol 223. L-istess xhud Cutajar ikkonferma wkoll li l-irċevuta għal-ħlas tal-VAT u taxxa relattiva nħarġet lill-attriċi fis-26 ta' Marzu, 2019 bix-xogħol ġie rilaxxat biss mid-Dwana f'dik jew wara tali data – ref.: il-parti tax-xhieda tiegħu li tinsab fil-paġna tat-traskrizzjoni a fol 220. L-istess xhud Cutajar ikkonferma wkoll li l-konsenja in mertu suppost li kienet koperta b'assigurazzjoni – ref.: il-parti tax-xhieda tiegħu fil-paġna tat-traskrizzjoni li tinsab a fol 228. Finalment, ix-xhud Cutajar ikkonferma li l-merkanzija tal-atturi nħarġet minn Ħal Far nhar id-29 ta' Marzu, 2019 – ref.: kontinwazzjoni tal-eżami tiegħu t-traskrizzjoni ta' liema tinsab a fol 245 sa 253. Dwar potenzjali korrezzjoni fid-data tal-ġbir mil-burdnar Cauchi fuq id-dokument li jeżebixxi a fol 254 jgħid li ma jistax jirrispondi. Iżid li d-dokument ġabru hekk mill-arkivji tad-Dwana. Għal darb'oħra ikkonferma wkoll li l-merkanzija tal-atturi ma' setgħetx ġiet rilaxxata qabel is-26 ta' Marzu, 2019 meta tħallas d-dazju ref.: parti tat-traskrizzjoni li tinsab fil-paġni a fol 251 u 252.

[12] Nota a fol 235, dokumenti a fol 236 sa 240.

[13] Nota a fol 260.

[14] Verbal a fol 267.

**Manwel Spiteri**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[15]

Jiddikjara li hu u martu jeġġestixxu negozju bl-isem *"Alyman Occasions"* li bih joffru servizzi relatati mat-tiġijiet fosthom kiri ta' *photobooth*.

Jgħid li fis-sajf tal-2018 iddeċidew li jespandu l-operat b'*mirror booth* li bħal *photobooth* tipprovdi ritratt iżda billi toqod quddiem mera flok tidħol f'*booth*.

Jiddikjara li huma bdew jirreklamaw din il-*mirror booth* fil-fiera tat-tiġijiet ta' Novembru, 2018 b'dan li f'Jannar 2019 ordnaw il-*mirror booth* mingħand *Qrel Technology Development Company*, manifattur f'Hong Kong, iċ-Ċina. Iżid li xi ġimgħa wara l-*mirror booth* intbagħtet miċ-Ċina lejn Malta bil-baħar.

Jgħid li f'Marzu, 2019 ġew ikkuntatjati mid-ditta ta' kurriera *Damjan Transport Services* – ditta ġestita mill-konvenuti John u Annunziata Cauchi – li nfurmathom li kellhom konsenja. Iżid li impjegati ta' din id-ditta waslu l-prodott minn Malta għad-dar tagħhom – tal-atturi – f'Għawdex.

Jgħid li l-*mirror booth* waslet għandhom magħluqha ġo kaxxa protettiva u l-lavranti niżluha b'*lifter* fuq roti li kien hemm mal-kaxxa stess. Iżid li meta bdew imexxuha kien hemm ċekċik qisu xi ħaġa fuq ġewwa qiegħda tilgħab.

Jiddikjara li hu u martu kienu suspettużi biċ-ċekċik u ġibdu l-attenzjoni tal-impjegati tal-kurrier. Iżid li dawn neħħew it-*tape* protettiv u fetħu l-kaxxa fejn raw li l-mera, għalkemm kienet imgeżwra f'materjal protettiv, kienet imkissra. Iżid li kien evidenti li l-mera ħadet tisbita kbira. Jgħid li żewġ roti tal-mera kienu wkoll magħattnin u kien jidher li wkoll ħadu daqqa.

Jgħid li l-lavranti ċemplu lill-imgħallem u qalulu li huma wasslu l-mera kif irċevewha. Iżid li hu talabhom dikjarazzjoni dwar dan. Jgħid li l-lavranti reġgħu kellmu lill-imgħallem u nfurmawhom li ma' setgħux

[15] Affidavit a fol 15 sa 17.

jirrilaxxaw dikjarazzjoni. Iżid li nfurmawhom iżda li l-kurrier internazzjonali kien il-*Euro Freight* u ddiriġewhom ikellmu lilhom.

Jgħid li huma tkellmu mall-*Euro Freight* li nfurmawhom li huma kienu rċievew il-konsenja fi stat tajjeb u hekk għaddewha lill-*Damjan Transport Services*. Iżid li *Euro Freight* qalulhom ukoll li kellhom dikjarazzjoni mingħand rappreżentant ta' *Damjan Transport Services* li l-istess *Damjan Transport Services* ħadet il-konsenja fi stat tajjeb.

Jgħid li għalhekk iż-żewġ konvenuti bdew iwaħħlu f'xulxin.

Jiddikjara li l-*mirror booth* kien għadha imgeżwra fl-impakkettar tagħha.

Jgħid li huma kkuntatjaw lill-Inġinier Mark Falzon u talbuh jispezzjona l-oġġett u jgħidilhom jekk jissewwix. Iżid li kien dan l-Inġinier li finalment ħareġ il-*mirror booth* mill-impakkettar tagħha. Jgħid li l-Inġinier talabhom jikkomunikaw mall-manifattur dwar *parts* u dan tal-aħħar qalilhom li kien hemm ukoll bżonn ta' għodda appożita sabiex titranġa l-*mirror booth*. Iżid li tali għodda kienet tiswa ħafna flus b'dan li bill-ħsarat imġarrba fl-oġġett ma' kienx ekonomikament fattibbli li l-istess jittranġa.

Jgħid li huma kienu darhom mall-ħajt peress li kien diġa kellhom erbgħa (4) tiġijiet konfermati għal din il-*mirror booth*. Jgħid li ma' setgħux jixtru *mirror booth* oħra miċ-Ċina għax din loġistakament qatt ma' setgħet tasal fil-ħin. Iżid li għalhekk xtraw it-tieni *mirror booth* mill-Ingilterra li waslet biss ġimgħatejn qabel l-ewwel tieġ. Jgħid li t-tieni *mirror booth* għandha anqas funzjonijiet mill-ewwel waħda billi ma tieħux filmat. Iżid li minkejja dan it-tieni waħda swiethom aktar mill-ewwel waħda.

Jgħid li problema oħra kienet li sabiex xtraw it-tieni *mirror booth* kellhom jieħdu self mill-bank.

Jiddikjara li b'riżultat ta' dan bagħtu ittra uffiċjali lill-konvenuti. Jgħid li *Euro Freight* wieġbet li ma' kienitx responsabbli u li r-responsabbilita' kienet tal-konvenuti l-oħra.

Jgħid li b'kollox huma ġarrbu ħsara fit-total ta' EUR 7,755.68 konsistenti f'EUR 5,290.48 prezz ta' l-ewwel *mirror booth*, EUR 1, 510.70 differenza fil-

prezz tat-tieni prodott, EUR 250 fi spejjeż tal-Inġinier Mark Falzon, EUR 29.50 fi spejjeż tal-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika in konnessjoni mall-importazzjoni tat-tieni mera, EUR 59 spejjeż tal-kurrier tat-tieni mera, EUR 554.60 interessi fuq is-self bankarju li ffinanzja t-tieni mera, u EUR 61.40 in konnessjoni mall-ittra uffiċjali.

**In kontro-eżami**, xehed[16] li kemm huwa kif ukoll martu l-attriċi kienu hemm dakinhar li l-*mirror booth* ġiet konsenjata lilhom minn ta' *Damjan*.

Jgħid li x'ħin ta' *Damjan* waslu bil-mera raw li rota minnhom kienet mgħaffġa u semgħu wkoll xi ċekċik ta' ħġieġ imkisser. Jgħid li għalhekk mill-ewwel indunaw li kien hemm il-ħsara. Iżid li għalhekk talbu li jinfetaħ l-impakkettar.

Jgħid li huma fetħu l-impakkettar quddiem ta' *Damjan* u qalulhom jiffirmaw xi ħaġa li l-oġġett twassal imkisser. Jgħid li hawn il-lavranti ċemplu lill ta' fuqhom, John Cauchi, u qalulu li ma' setgħu jirrilaxxaw ebda dikjarazzjoni.

Jgħid li wara dan ta' *Damjan* telqu u huma ħallew kollox kif kien ġol-*clingfilm*. Iżid li mbagħad inkarigaw inġinier sabiex jara l-mera kif kien għadha ssiġillata.

Jgħid li mall *Euro Freight* tkellmet martu, l-attriċi. Iżid li dawn qalulhom li da parti tagħhom l-oġġett wasal għandhom u ġie rilaxxat lill ta' *Damjan* fi stat tajjeb.

Muri d-dokument a fol 76 jagħraf l-istess bħala dak iffirmat minn John Cauchi bħala li rċievha l-pakkett fi stat tajjeb u bla nuqqasijiet. Jgħid li tali dokument intbgħat lilhom bl-emajl. Jagħraf il-firma ta' John Cauchi fuq l-istess dokument.

**Alysia Cassar Spiteri**, attriċi, xehdet[17] li hi u żewġha, l-attur, jiġġestixxu n-negozju *Alyman Occasions* minn fejn joffru servizz ta' *mirror booth* u *photo booth*.

[16] Traskrizzjoni a fol 104 sa 107.
[17] Traskrizzjoni a fol 18 sa 22.

Tgħid li meta ddeċidew li jespandu b'*mirror booth* sabu waħda minn Hong Kong, iċ-Ċina u ordnawha lejn l-aħħar tal-2018. Iżżid li kienu wkoll bdew jirreklamaw dan il-prodott u dan fil-fiera tat-tiġijiet fejn ħadu xi *bookings* għal Ġunju, 2019.

Tgħid li xi xahrejn wara l-ordni l-mera wasslet Malta u kelmuha minn *Euro Freight* dwar ħlas ta' VAT u taxxa. Iżżid li wara li għamlet il-ħlasijiet relattivi *Euro Freight* kellmu lill *Damjan Transport Services* sabiex il-mera tittieħed minn Malta lejn Għawdex.

Tgħid li għalhekk ħadu ħsieb kollox huma bil-mera ġiet mwassla għandhom fit-30 ta' Marzu, 2019.

Tgħid li meta twasslet il-mera u tniżlet mit-trakk mill-impjegati ta' *Damjan Transport Services* raw ħsara fil-impakkettar u semgħu xi ċekċik. Iżżid li ndunaw għalhekk li kien hemm xi ħsara. Tgħid li għalhekk talbu lill-impjegati jiftħu l-kaxxa u x'ħin għamlu hekk raw li l-mera kienet biċċiet u r-roti tagħha kienu mgħattnin minkejja li kien għadha fl-impakkettar tagħha. Tgħid li kien jidher li l-oġġett ħa daqqa qawwija.

Tgħid li l-impjegati ta' *Damjan Transport Services* kellmu lill-imgħallem tagħhom u nfurmawhom li ma' setgħu jagħmlu xejn u li huma – l-atturi – kellhom jidderiġu kull ilment kontra *Euro Freight*. Iżżid li qalulhom ukoll li huma mingħand *Euro Freight* hekk kienu ġabruha. Tgħid li fuq talba tagħha qalulha li ma' setgħux jirrilaxxaw dikjarazzjoni.

Tgħid li l-konsenja seħħet nhar ta' Sibt b'dan li t-Tnejn ta' wara kellmet lill *Euro Freight*. Iżżid li *Euro Freight* insistew li r-responsabbilita' kienet ta' *Damjan Transport Services* li kienu ffirmawlhom li l-mera nġabret minnhom fi stat tajjeb.

Tgħid li ħadd ma' ried jagħtiha dikjarazzjoni sabiex hi forsi tagħmel *insurance claim*.

Tgħid li huma ħallew l-mera fl-impakkettar tagħha u kellmu lill-Inġinier Mark Falzon li fetaħ l-impakkettar, kellem lill-manifattur, u għamlilhom rapport dwar il-ħsara. Tgħid li lill-Inġinier il-manifattur qallu li sabiex

tissewwa l-mera kien hemm bżonn ta' għodda u tekniċi partikolari u b'hekk ma' kienx ekonomikament vijabbli. Iżżid li għalhekk il-konklużjoni kienet li l-oġġett kien *beyond economically feasible repair*.

Tgħid li huma kienu diġa' marbutin bil-*bookings* tat-tiġijiet u kellhom għalhekk jieħdu self bankarju sabiex jixtru *mirror booth* oħra. Iżżid li t-tieni mera nxtrat mill-Ingilterra għaliex ma' kellhomx biżżejjed żmien iġibu oħra miċ-Ċina. Tgħid li t-tieni mera waslet għandhom biss ġimgħatejn qabel l-ewwel tieġ.

Telenka l-ispejjeż li soffrew b'riżultat ta' dan kollu.

Teżebixxi varji riċevuti tal-ħlasijiet relattivi li nkorrew, ritratti tal-ewwel *mirror booth*, ir-rapport tal-Inġinier Mark Falzon, u l-ftehim ta' self li daħlu fih mal-bank.[18]

Tgħid li huma kienu pruvaw jaslu mall-konvenuti iżda dawn bdew iwaħħlu f'xulxin. Iżżid li ghalhekk kellhom jagħmlu l-ittra uffiċjali tat-8 ta' April, 2019 sakemm fetħu din il-kawża.

**In kontro-eżami**, xehdet[19] li taqbel li ma' tafx x'ħin eżatt inkisret il-*mirror booth* li hija ordnat minn barra. Iżżid li taf biss li l-istess ġiet konsenjata lilha mkissra.

Tgħid li b'dan l-ewwel qalet lill minn wassal il-mera għandha, allura lill-lavranti ta' *Damjan Transport Services*, imbagħad peress li dawn irrifjutaw ir-responsabbilita' għax bdew jgħidu li huma hekk ġabru l-oġġett, kelmet lill *Euro Freight*. Iżżid li għalhekk hi kelmet lill Noel Chircop, it-Tnejn ta' wara li twasslet għandha l-mera.

Tgħid li ta' *Damjan Transport Services* meta ġabru l-mera ffirmaw li kollox kien *in good condition*. Iżżid li minkejja dan ta' *Damjan* baqgħu jgħidu li huma l-oġġett hekk ġabruh. Tgħid li għalhekk hi ma' setgħet tagħmel xejn, anqas tkellem lill-manifattur iċ-Ċina biex tiftaħ *claim* ma' l-assigurazzjoni.

[18] Dokumenti a fol 23 sa 61.
[19] Traskrizzjoni a fol 92 sa 97.

Tgħid li mingħand *Euro Freight* kien John Cauchi li ġabar il-mera u ffirma għalija bħala *"in good condition"* u dan nhar ta' Ġimgħa.

Tgħid li f'xi waqt Noel Chircop għaddielha kopja tad-dokumentazzjoni u taħseb li kien għamel hekk b'emajl.

Murija d-dokument a fol 76 tagħraf l-istess bħala dak li jgħid li John Cauchi ġabar il-mera *"in good condition"*.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehdet[20] li lill John Cauchi ta' *Damjan Transport Services* mhux hi nkarigatu bil-konsenja. Iżżid li minkejja li hi lill John ħalsitu EUR 35 tal-konsenja hu ma' tagħhiex irċevuta. Iżżid li hi pprotestat dwar il-ħlas għax l-oġġett wasal mkisser iżda l-ħlas seħħ u anqas dikjarazzjoni dwar il-ħsara ma' tawha.

Tgħid li l-ħlas għamlitu dakinhar stess lill-ħaddiem ta' John Cauchi.

Tgħid li hi qatt ma' kienet taf min ser iwassal l-oġġett għandha. Iżżid li anke lill-*Euro Freight* mhux hi qabditha iżda din tqabbdet minn dak li xtrat l-oġġett mingħandu.

Tgħid li l-*mirror booth* kienet koperta b'assigurazzjoni sal-wasla tagħha f'Malta mhux ukoll mil-port għad-dar tagħha.

Murija dokument a fol 28 – eżebit minnha stess – u mistoqsija tikkofnerma li assigurazzjoni fil-fatt ma' kienitx inkluża, tgħid li l-assigurazzjoni kienet parti minn dak imsejjaħ *"cost"*.

Tgħid li l-*mirror booth* ġiet f'*casing* tagħha li huwa *transportation casing* li fiha tinġarr sabiex titwassal fejn tkun meħtieġa. Iżżid li ma' setgħetx tkun impakkettata aħjar minn hekk. Tgħid li ġablo kellha wkoll u dan kien ġewwa l-*casing*, mal-mera. Iżżid li dan deher x'ħin il-lavranti ta' *Damjan* fetħu l-pakkett quddiemha.

[20] Traskrizzjoni a fol 112(a) sa 112(i).

Tgħid li l-*casing* tal-mera jitneħħa sabiex il-mera tintuża. Iżżid li kemm tali *casing* kif ukoll il-mera minn ġewwa kienu mgeżwrin bil-plastik. Iżżid li minn ġewwa l-mera kellha wkoll *packaging* ġewwa l-*casing* ta' barra.

Tgħid li hi lill-lavranti ta' *Damjan* rathom iħottu l-mera mill-bidu sat-tmiem. Taqbel li l-mera kienet fuq ġewwa tat-trakk li ġew bih. Taqbel ukoll li l-pakkett kien mirfud b'lasta u marbut b'xi mod.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehdet[21] li lil John Cauchi hi kellmitu darba dakinhar li twassal il-pakkett għandha, meta ċemplulu l-ħaddiema tiegħu stess, u mill-inqas darbtejn oħra wara li kelmet ukoll lil Noel Chircop ta' *Euro Freight*. Iżżid li għandha *recording* tat-telefonata.

Tgħid li meta kellmet lil Cauchi it-tieni darba hi kienet diġa' kellmet lil Chircop u spjegatlu li s-*supplier* tagħha ma' setgħax jerġa jibgħatilha l-prodott mingħajr evidenza li l-prodott wasal imkisser. Iżżid li bl-istess mod hi ma' setgħetx tiftaħ *claim* mall-assigurazzjoni.

Tgħid li Chircop kien qalilha terġa tkellem lil ta' *Damjan* għax minn għandhom il-pakkett kien ħareġ *in good order* tant li kellhom karta ffirmata minn Cauchi dwar dan.

Tgħid li Cauchi kien qalilha li għalxejn kienet qed tkellem lilu għax ma kien ser jagħmlilha ebda karta dwar il-ħsara. Iżżid li Cauchi magħha nsista li hu lill-*bond operator* kien qallu li l-oġġett qiegħed iċekċek u xi ħaġa ma' kienitx sew iżda hu nsista li kollox kien sew.

**Noel Chircop**, direttur tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Limited*, xehed permezz ta' affidavit.[22]

Jiddikjara li darba fost l-oħrajn ġew kuntattjati minn soċjeta' tat-trasport f'Hong Kong sabiex iġorru *mirror booth* minn Hong Kong għal Malta. Iżid li huma ħadu ħsieb ix-*shipping* minn Hong Kong għal Malta, għaddew il-merkanzija mid-dwana, u niżżlu l-istess Ħal Far. Jgħid li l-kompitu tagħhom s'hemm kien.

[21] Traskrizzjoni a fol 112(i) sa 112(k).
[22] Affidavit a fol 70 u 71.

Jgħid li huma nfurmaw lill-attriċi li l-merkanzija kienet Ħal Far u talbuha tieħu ħsieb tara minn ser jeħodha minn hemm għal għandha. Jgħid li l-attriċi kienet infurmathom li għal tali xogħol kienet ser tinkariga lil *Damjan Transport Services*.

Jgħid li kien mar Ġanni Cauchi[23] li jinnegozja bħala *Damjan Transport Services* u ġabar l-merkanzija mingħandhom. Iżid li qabel tħalla joħroġ il-merkanzija l-istess Cauchi ntalab jiffirma li vverifika l-istat tal-merkanzija. Jgħid li jeżebixxi kopja tal-irċevuta li tgħid li l-merkanzija kienet *"received in good condition with the following exceptions"* fejn ma' tniżżel ebda kumment.[24]

Jgħid li mingħandhom il-merkanzija nġabret nhar ta' Ġimgħa u hu kien infurmat li twaslet għand id-destinatarju tagħha t-Tnejn ta' wara.

Jgħid li l-merkanzija twasslet fl-impakkettar oriġinali tagħha li ma' kien fih ebda ndikazzjoni ta' ħsara. Jgħid li huma s'hemm biss setgħu jikkonstataw. Iżid biss li sakemm il-merkanzija damet kustoditha minnhom ma soffriet ebda daqqiet.

Jgħid li mir-rapport tekniku eżebit mill-atturi stess jidher li l-mera tal-*photo booth* kienet imkissra bil-biċċiet miġmugħin fil-parti ta' isfel tal-kaxxa. Iżid li dan ifisser illi li kieku l-merkanzija kienet konsenjata minnhom f'dak l-istat kien jinstemgħa ċ-ċekċik. Jgħid li dwar dan ħadd ma niżżel xi kumment, la huma u anqas Cauchi.

Jgħid li huma kienu kkuntratti abbażi ta' *cost and freight* li jfisser li huma jassumu r-responsabbilita' għall-oġġett mal wasla tiegħu f'Malta u jibqgħu responsabbli għalih sakemm jirrilaxxawh minn Ħal Far.

**In kontro-eżami**, muri d-dokument a fol 76 xehed[25] li dak huwa dokument li jinħareġ meta jgħaddu konsenja riċevuta mill-esteru lid-distributur lokali. Iżid li jekk ikunu notati xi ħsarat fl-oġġett fejn il-kliem

[23] L-attur John Cauchi.
[24] Kopja tal-irċevuta ma' tinstabx ma' l-affidavit iżda ġiet eżebita aktar tard permezz ta' nota tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* ta' nhar is-17 ta' Settembru, 2021 – nota a fol 75, irċevuta a fol 76 – oltre li tinsab ukoll fil-faxxikolu ta' dokumenti eżebit mill-attriċi – speċifikatament a fol 61.
[25] Traskrizzjoni a fol 98 sa 101.

*"received in good condition with the following exceptions"* jitniżżel dak li jkun hekk ġie nnutat. Jgħid li f'tali każ huma jaraw tramite l-assigurazzjoni.

Jgħid li fil-każ in mertu, il-konvenut John Cauchi ġabar l-oġġett mingħajr kwistjoni jew rimarki.

Jgħid illi li kieku nnutaw xi nuqqas huma kienu jagħmlu notament u javżaw lill-aġent barra li l-oġġett inħatt danneġġjat, nieqes, jew imkisser sabiex huma jidħlu responsabbli mill-ewwel. Iżid li fil-każ odjern ma' kien hemm xejn minn dan.

Jgħid li l-ewwel ilment li kellu sar mill-attur konjuġi Spiteri. Iżid li dawn qalulu li rċievew il-*mirror booth* imkissra, kellmu lil Cauchi u Cauchi weħħel fihom – fil-*Euro Freight*.

Jinnega li huma rċievew il-merkanzija tal-atturi daneġġjata. Iżid li l-merkanzija wasslet għandhom u huma għaddewha lil Cauchi f'kundizzjoni tajba.

Jgħid li wara l-ilment ta' Spiteri huwa telgħa l-*bond* u tkellem mal-*bond operator*. Jgħid li l-istess operatur kkonferma li lill ta' *Damjan* qdiegħ hu u miegħu ma' sar ebda lment anzi ta' *Damjan* iffirma li ma' kien hemm ebda ħsarat.

Jgħid li skontu l-konsenja ttieħdet nhar ta' Ħamis u waslet għand l-atturi nhar ta' Tnejn b'dan li x'ġara f'dawk l-erba' t'ijiem ma jafx.

Jgħid li lill-konvenut John Cauchi huwa qallu li mingħandhom l-oġġett ħareġ perfett, mingħajr daqqiet. Iżid li bil-mera mkissra fuq ġewwa xi daqqa fuq barra kienet ċertament tkun tidher. Iżid li Cauchi qallu li huwa lill tal-*bond* kien qalilhom iżda x'ħin staqsih ma' min tkellem, Cauchi qallu biss li qal lil wieħed qasir. Iżid li l-unika wieħed qasir li għandu huwa ċertu Aiden Galea. Jgħid li lil Galea kellmu u qallu li l-konvenut John Cauchi lilu qatt ma' semmielu xi ħsarat.

Jgħid li John Cauchi għabba, iffirma li ġabar kollox fi stat tajjeb, u telaq mingħajr ma' qalilhom b'xi ħsarat b'dan li ħa r-responsabbilita' hu.

**In re-eżami**, xehed[26] li d-dokument a fol 76 jiġi rilaxxat minnhom lill-klijent. Iżid li l-istess iffirmah il-*bond operator* tiegħu kif ukoll il-konvenut John Cauchi ta' *Damjan Transport Services*.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehed[27] li min ikun ser jiġbor xi xogħol mingħandhom imur il-*bond* tagħhom bi trakk tiegħu. Iżid li jekk jiftakar sew lil Cauchi kienu l-atturi li qabbduh sabiex waslilhom ix-xogħol sa Għawdex. Suġġerit lilu li kienu qabbduh huma jgħid li jista jkun.

Jgħid li qabel kienu ħadmu b'Cauchi xi drabi oħra. Iżid li jipprova jevitah.

Mistoqsi kif normalment jikkomunikaw ma' Cauchi jgħid li b'emajl sabiex ikun hemm rikjesta bil-miktub. Mistoqsi jekk l-emajl tintbgħatx minnu jgħid li tintbgħat minn impjegati tiegħu.

Jaqbel li meta l-burdnar jasal għandhom it-trakk tiegħu jabbuh huma bil-*forklifters* tagħhom. Jgħid li hu personalment ma' kienx involut waqt it-tgħabija u l-ħatt tal-oġġett in mertu. Iżid li sar jaf bil-kwistjoni meta ċemplilhom Cauchi u għamel investigazzjoni tiegħu ma' tal-*bond*.

Jaqbel li huma l-kaxxi ma' jiftħuhomx. Iżid li għalhekk il-kundizzjoni tal-oġġett minn ġewwa ma' jkunux jafu x'inhi. Jaqbel li anke fil-każ in mertu l-impakkettar tal-oġġett ma' kienx infetaħ.

Jgħid li parti mix-xogħol tal-*bond operator* huwa li jżomm rapport ta' kull girfa jew tiċrita fl-impakkettar tax-xogħol minn barra. Jgħid li huma jibgħatu kopja tar-rapport lill-aġent barra mill-ewwel sabiex f'każ ta' danni l-istess jinżamm responsabbli.

Jgħid li fil-każ in mertu l-*bond operator* kien Aiden Gauci.

Jaqbel li l-oġġett in mertu kien ġie miċ-Ċina. Jaqbel ukoll li l-istess għabbewh fit-trakk ta' Cauchi fl-istess impakkettar li wasal fih miċ-Ċina.

---

[26] Traskrizzjoni a fol 101 u 102.
[27] Traskrizzjoni a fol 130 sa 137.

Jgħid li d-data tar-rilaxx mingħandhom għal idejn Cauchi tirriżulta minn dokument wieħed. Iżid li d-data meta Cauchi wassal l-oġġett għand l-atturi ma' jidħlux fiha huma.

Jgħid li jidhilru li huma rrilaxxaw f'idejn Cauchi *on a Thursday* u l-pakkett wasal għand l-atturi *on a Monday*.

Jaqbel li l-firma li tgħid li l-oġġett ġie rilaxxat f'kundizzjoni tajba tkun tirreferi għal dak li jidher fuq barra tal-oġġett.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehed[28] li lil Cauchi jevitah għax jarah irresponsabbli. Iżid li jitla' hemm jistaqsi x'għandu għal Għawdex mingħajr ma' jagħti rendikont ta' klijenti eċċ. Iżid li klijenti varji ċemplulhom jilmentaw li tqabbad ta' *Damjan* u jgħidulhom li ma' jridux jaħdmu miegħu. Iżid li lil Cauchi jsibu diżorganizzat ħafna.

Jgħid li meta burdnar jinnota xi ħsara esterna f'pakkett bħal daqqa jew *pallet* mifqugħ, huwa għandu dritt iniżżel rimarka peress li tali jkun indikattiv li jista jkun hemm xi ħsara. Jgħid li fil-każ in mertu minn dan ma' sar xejn, b'Cauchi ffirma li ġabar ix-xogħol *in good condition* u telaq.

Jgħid li hu x'ġara fl-erba' t'ijiem mindu Cauchi ġabar mingħandhom sa ma wassal ix-xogħol għand l-atturi ma' jafx.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehed[29] li jekk f'xhieda li ta qabel kien hemm diskrepanza fil-ġranet meta nħattet il-merkanzija in mertu u l-istess twaslet għand l-atturi, mid-dokumenti eżebiti man-nota tas-27 ta' April, 2023 tas-soċjeta' li tagħha huwa direttur, il-*Euro Freight,*[30] jirriżulta li x-xogħol inħareġ mill-*bond* tagħhom fid-29 ta' Marzu, 2019 li kien nhar ta' Ġimgħa u twassal għand l-atturi l-għada, is-Sibt 30 ta' Marzu, 2019.

Mistoqsi jekk fil-fatt id-data meta nħareġ ix-xogħol kienitx l-24 ta' Marzu, 2019 li kien il-Ħadd jgħid li minkejja li forsi kif inkiteb in-numru mhux ċar, huma l-Ħadd ma' jaħdmux, u dik id-data hija d-29 ta' Marzu, 2019.

[28] Traskrizzjoni a fol 137 sa 140.
[29] Traskrizzjoni a fol 168 sa 170
[30] Nota a fol 142 b'dokumenti a fol 143 *et seq.*

Jiċħad kategorikament li d-data fuq id-dokument relattiv kienet falsifikata.

**John Cauchi**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[31]

Jiddikjara li martu l-konvenuta Annunziata Cauchi ma taf xejn dwar il-każ odjern peress li qatt ma' kienet involuta fih.

Jgħid li hu jiġġestixxi negozju bl-isem *Damjan Transport Services*. Iżid li tali negozju huwa ta' ġarr ta' merkanzija nkluż bejn Malta u Għawdex.

Jgħid li l-atturi konjuġi Spiteri kienu nkarigaw lil *Euro Freight Services Limited* sabiex twasslilhom merkanzija bil-baħar minn pajjiż ieħor. Iżid li hu daħal fix-xena meta tqabbad minn aġent ta' *Euro Freight* – ċertu Noel Chircop – sabiex iġorr il-merkanzija minn Ħal Far għal Għawdex sal-post indikat mill-atturi lil *Euro Freight*.

Iżid li hu ma' l-atturi qatt ma' kellu x'jaqsam fis-sens li lilu mhux huma nkarigawh. Jgħid li lilu nkarigatu u ħallsitu l-*Euro Freight*.

Jgħid li l-merkanzija ġabarha hu stess minn Ħal Far mill-*bond* tal-*Euro Freight*. Jgħid li mal-merkanzija tal-atturi ġabar merkanzija oħra mingħand *Euro Freight* li wkoll kienet għal Gwdex.

Jgħid li l-merkanzija mhux hu jabbiha fit-trakk tiegħu iżda tiġi mgħobbija mill-ħaddiema tal-*Euro Freight*. Iżid li dakinhar li tgħabbiet il-mera tal-atturi hekk ukoll ġara.

Jgħid li waqt it-tgħobija u kien riekeb fil-kaxxa tat-trakk tiegħu u l-ewwel ma' ġiet mgħobbija kienet propju l-mera tal-atturi. Iżid li hu rabat kull oġġett li ġie mgħobbi sabiex waqt it-traġitt la ssir ħsara lill-oġġett inniffsu u anqas l-oġġett jagħmel ħsara lill-oġġetti oħra.

---

[31] Affidavit a fol 80 u 81.

Jgħid li fil-maġġor parti tad-drabi hu qass ikun jaf x'qiegħed jiġi mgħobbi stante li l-merkanzija tkun siġillata ġol-kaxxi tal-kartun jew *casings* tal-injam.

Jgħid li l-mera in kwistjoni kienet ġewwa armarju tal-injam li kien ukoll jifforma parti minnha. Iżid li għalhekk il-mera ma' kellhiex impakkettar jew *casing* ulterjuri. Jgħid li l-armarju anqas kellu ġablo fuq ġewwa sabiex iżżomm il-mera fil-post. Iżid li fil-parti ta' isfel l-armarju kellu r-roti.

Jgħid li oltre li ma kienx konvint mill-impakkettar tal-mera, waqt li din kienet qed tiġi mgħobbija fuq it-trakk tiegħu semgħa ċekċik ta' ħġieġ ġej minn ġo l-armarju. Jgħid li f'dak il-mument il-mera ma' kienitx tidher b'dan li ma setgħax jara li fil-fatt kienet imkissra.

Jgħid li staqsa lill-*bond operator* jekk kienx hemm xi ħaġa mkissra u dan assigurah li ma kellux inkwiet u li l-mera hekk kienet waslet impakkettata. Iżid li hu għalhekk aċċetta li jeħodha.

Jgħid li l-mera ma twaslitx għand l-atturi dakinhar stess li ġabarha iżda l-għada wara nofsinhar. Jgħid li tul dak il-ħin il-merkanzija ma iċċaqalqitx minn fejn kienet fit-trakk tiegħu.

Jgħid li l-għada, 30 ta' Marzu, 2019, ċempel lill-atturi u ftehmu għad-*delivery* li ma sarx minnu iżda sar minn żewġ impjegati tiegħu, wieħed minn min jismu Kevin Farrugia.

Jgħid li wieħed mill-ħaddiema ċempillu u qallu li l-attriċi bdiet tgħid li l-mera kienet miksura, li kienet tiswa ħafna flus, u li ma jistax ikun li ma kellhiex impakkettar aħjar. Iżid li hu qal lill-ħaddiema jgħidu lill-attriċi li huma l-mera wasluha għandha eżatt kif ġabruha.

Jgħid li l-għada l-attriċi ċemplet u kompliet issostni li l-mera kellha ħsara sostanzjali tort tagħhom. Iżid li hu reġgħa qalilha li huma wasslu l-mera għandha kif tawha lilu. Jgħid li minn dakinhar ma reġgħax semgħa mingħand l-attriċi sakemm ġie rinfaċċjat b'ittra uffiċjali u bil-kawża odjerna għad-danni.

Isostni li jinsab ċert li l-ħsara fil-mera ma' ġietx rekata waqt li l-mera kienet fil-pussess tiegħu iżda saret qabel; kif issuspetta waqt it-tgħobija tagħha.

Jgħid li għalih il-mera ma' kienitx impakkettata tajjeb tenut kont tal-valur tagħha. Iżid li l-mera twasslet lesta għall-użu mhux għat-trasportaġġ.

**In kontro-eżami**, xehed[32] li l-*photo booth* mixtrija mill-atturi ġabarha hu stess mingħand *Euro Freight*.

Jgħid li d-dokument li jgħid li rċievha x-xogħol f'ordni tajba iffirmah qabel biss ra x-xogħol. Iżid li l-ewwel tiffirma tali dokument imbagħad jagħtuk ix-xogħol.

Mistoqsi jekk x'ħin ra x-xogħol innutax xi ħaġa jgħid li qal lil min kien jabbilu t-trakk li l-konsenja tal-atturi ma kienitx qed tgħoġbu. Iżid li x'ħin mar jorbot l-istess fit-trakk tiegħu semgħa ċ-ċekċik ġo fiha u b'dan qal lill-istess persuna.

Mistoqsi għalfejn allura xorta ħa l-konsenja irrisponda *"x'ħa tagħmel?"*.[33]

Mistoqsi għalfejn ma' reġgħa qal xejn lil *Euro Freight* wara li kien iffirma li rċievha kollox *"in good order"* jgħid li qalilhom u qalulu li dik minn barra hekk kienet ġiet, bla mpakkettar u xejn. Iżid li ma' kienx jaf x'inhi għax kieku ma' kienx jgħabbiha. Jinsisti li hu bilfors kellu jiffirma sabiex jiġbor ix-xogħol. Jgħid li l-*bonds* kollha hekk jaħdmu: l-ewwel tiffirma mbagħad tiġbor ix-xogħol.

Mistoqsi għalfejn ma' nsistiex li jagħmlulu xi ħaġa bil-miktub darba kienet okrietu għajnejh jgħid li qalilhom u qalulu li l-konsenja hekk kienet waslet, mingħajr impakkettar. Iżid li kien qisha ttieħdet mix-*showroom* għad-destinazzjoni mhux għat-traġitt bejn pajjiżi.

Jgħid li soltu konsenja tkun fuq *pallet* bil-ġablo jew ġa kaxxa. Jgħid li din il-konsenja kull ma kellha daqxejn plastik. Jgħid li konsenja tali kellha tkun ġo kaxxa tal-injam li tintrefa bl-għodda, b'*pallett* u bil-ġablo.

[32] Traskrizzjoni a fol 111(a) sa 111(l)
[33] Ref.: ċit. Paġna tat-traskrizzjoni a fol 111b.

Jgħid li minn barra ma kienet tidher ebda ħsara fil-pakkett.

Jgħid li laqqatha hu għax hu għamel l-aħħar konsenja.

Jgħid li l-ħsara kienet ġol-kexxun. Iżid li wieħed ried jiftaħ il-kexxun sabiex jara l-mera. Jinsisti li hu ma kellu ebda dritt jiftaħ il-kexxun. Iżid li l-kexxun kien imdawwar bi ftit plastik biss. Jgħid li hu ma setax jara x'kien hemm ġewwa.

Jgħid li hu ma ra xejn imkisser għax l-imkisser kien ġewwa. Jaqbel iżda li semgħa ċ-ċekċik.

Mistoqsi għalfejn x'ħin semgħa ċ-ċekċik ma' ħassx li kellu jagħmel xi ħaġa bil-miktub jgħid li qal lilhom – lil *Euro Freight*. Iżid li bil-miktub m'għandu xejn.

**In re-eżami**, xehed[34] li jaqbel li huwa qal li l-ewwel iffirma karta li qed jirċievi x-xogħol f'kundizzjoni tajba mbagħad ġabar ix-xogħol għax inkella ma' kienux jirrilaxxaw/jagħtuh ix-xogħol.

Jgħid li lill-attriċi u ma' kellimhiex dwar il-kwistjoni.

Jaqbel li qal li fil-*bond* kien qalilhom li semgħa ċ-ċekċik. Jgħid li qal lill Aiden li jaħdem ma' *Euro Freight*.[35]

Jgħid li dak li ffirma hu kienet id-*delivery order* neċessarja sabiex jinġabar ix-xogħol. Jgħid li din bilfors trid tiġi ffirmat inkella ma' jtukx ix-xogħol.

Jikkonferma li hu tqabbad iġorr il-merkanzija mill-*Euro Freight*.

**Kevin Farrugia**, impjegat tal-konvenut John Cauchi, xehed permezz ta' affidavit.[36]

---

[34] Traskrizzjoni a fol 111(l) sa 111(n).
[35] N.B. l-isem ġie traskritt bħala Eden iżda l-Qorti tifhem li r-referenza hawn qiegħda issir għal Aiden li rrefera għalih id-direttur ta' *Euro Freight* Noel Chircop.
[36] Affidavit a fol 82.

Jiddikjara li l-każ jaf bih stante li kien involut fil-konsenja għand l-atturi. Jgħid li dakinhar miegħu kien hemm lavrant ieħor u għamlu diversi konsenji.

Jgħid li meta wasslu għand l-atturi niżżlu l-*lift gate* tat-trakk, ħallew l-irbit tal-pakkett u niżlu l-istess fl-art. Jgħid li kien biss wara li ġara dak li ġara li sar jaf li l-oġġett kien mera stante li l-mera ma' kienitx tidher għax kienet ġo *casing* tal-injam li kien jifforma parti minnha stess. Iżid li l-mera kienet tistrieħ fuq ir-roti tagħha stess.

Jgħid li malli daħlu l-pakkett għand l-atturi dawn iffirmaw dokument li rċievew l-istess. Iżid li ftit minuti wara l-attriċi bdiet tgħajjat li l-mera kienet imkissra u li kienu kisruha huma. Jgħid li huma pruvaw jikkalmawha u ċemplu lill-imgħallem, John Cauchi. Jgħid li John qallu jgħidu lill-attriċi li huma wasslu l-pakkett kif ingħata lilhom mill-*Euro Freight*. Jgħid li l-attriċi ma' riditx tisma.

Jiddikjara li wara xi żmien sar jaf bil-kawża odjerna mingħand il-konvenut John Cauchi.

**In kontro-eżami**, xehed[37] li huwa dwar il-*photo booth* l-involviment tiegħu kien kemm ħa l-istess mix-Xewkija għad-dar tal-attriċi x-Xagħra.

Jgħid li x'ħin waslu għand l-attriċi huma niżlu l-konsenja mit-trakk u poġġewha fejn qaltilhom hi, f'post f'garaxx.

Jgħid li hu u jħott l-oġġett minn barra ma ra' xejn indikattiv ta' ħsara. Iżid li anqas semgħa xejn bħal ċekċik.

Jgħid li jekk John Cauchi xehed li semgħa ċ-ċekċik x'ħin għabba dan probabilment għax bil-*forklifter* tkun iċċaqilqet u ċekċket.

Jgħid li x'ħin ħattew l-attriċi ma qaltlu xejn, iffirmaw u daqshekk. Jgħid li wara qalet li l-oġġett kien imkisser. Mistoqsi "wara" kemm jgħid dak il-ħin stess, x'ħin kien għadhom mexjin fid-*driveway* tal-attriċi lejn it-trakk.

[37] Traskrizzjoni a fol 111 (o) sa 111 (r).

Jinsisti li għalih l-oġġett minn barra kien jidher sew, la kellu daqqiet u anqas kien jidher imkisser.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehed[38] li l-pakkett hu sabu ġot-trakk li mar bih għand l-atturi, fuq ġewwa, marbut ma' dahar il-kabina.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza, l-atturi konjuġi Alysia Cassar Spiteri u Manwel Spiteri talbu lill-konvenuti jħallsuhom is-somma ta' EUR 7,694.28 konsistenti f'danni li ġarrbu konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenuti jew min minnhom f'li jikkonsenjaw merkanzija mixtrija minnhom mingħajr danni jew ħsarat.

Il-konvenuti konjuġi John u Annunziata Cauchi rrispondew għat-tali talba billi eċċepew li huma m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika ma' l-atturi bi kwalunkwe relazzjoni ġuridika tagħhom hija semmai biss mal-konvenuta l-oħra. Eċċepew ukoll li, f'kull każ, huma ħadu l-prekawzjonijiet kollha skond il-liġi u s-sengħa sabiex il-merkanzija li huma ġarrew ma' jsirilix ħsara. Żidu jeċċepixxu li meta l-oġġett twassal l-atturi ffirmaw għalih mingħajr ma' għamlu pretiża ta' ħsarat. Finalment eċċepew li l-merkanzija ma' kienitx ippakjata tajjeb minn min bagħtha bil-probabbilita' hi li l-ħsarat ripurtati seħħew fit-tranżitu tal-merkanzija qabel din waslet fil-pussess tagħhom.

Da parti tagħha, is-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Service Limited* eċċepiet li in kwantu ndirizzati kontra tagħha, it-talbiet atturi huma nfondati inkluż għaliex hija kkonsenjat il-merkanzija f'datha lilha fi stat tajjeb lill-persuna nkarigata mill-atturi stess sabiex tirċiviha. Żidet teċċepixxi li minn hemm 'il quddiem ir-responsabbilita' għall-oġġett għaddiet f'idejn l-atturi jew il-persuna maħtura minnhom għal-konsenja finali.

[38] Traskrizzjoni a fol 111(r) sa 111(s).

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mill-provi in atti jirriżulta inkonfutabilment li fit-13 ta' Jannar, 2019 l-atturi eżerċjenti l-kummerċ bħala *"Alyman Occasions"* – ordnaw varji oġġetti, ossia *mirror booth* magħrufa bħala *magic mirror* flimkien ma' *printer paper* u *decorative metal pole*, mingħand manifattur f'Hong Kong, iċ-Ċina – *Qrel Technology Development Co. Ltd.* – għal total ta' sitt [6] pakketti bi prezz globali ta' 6,012 Dollaru Amerikan.[39]

Tali oġġetti waslu għand is-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limitred* fil-*bond* tagħha f'Ħal Far, Malta f'Marzu, 2019[40] bl-atturi ġew infurmati li l-merkanzija tagħhom kienet waslet Malta permezz ta' avviż – *Notice of Arrival 129656* – datat l-20 ta' Marzu, 2019.[41] Bl-istess avviż l-atturi ntalba jħallsu d-dazju tad-dwana, VAT, u spejjeż relatati.[42]

Il-ħlas tat-taxxi u dazju ġie magħmul mill-atturi fis-26 ta' Marzu, 2019.[43]

Magħmul il-ħlas tat-taxxa relattiva u d-dazju tad-dwana, l-oġġett ġie rilaxxat mis-soċjeta' konvenuta għal-ġbir mill-atturi. Hawnhekk issorġi diverġenza fil-pożizzjonijiet tal-partijiet.

Jingħad qabel xejn li t-traġitt meħud mill-merkanzija ordnata minn Hong Kong mill-atturi kien kif isegwi: il-prodott ġie mibjugħ lill-atturi mill-manifattur tiegħu f'Hong Kong, minn hemm tgħabba sabiex jiġi trasportat lejn Malta bl-intervent tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* li ħadet ħsieb li jasal Malta u jitniżżel Ħal Far, minn hemm għadda f'idejn il-konvenuti Cauchi eżerċjenti l-kummerċ bħala *Damjan Transport Services* sakemm twassal mill-imjegati tal-istess Cauchi għand l-atturi.

Id-diverġenza fil-pożizzjonijiet tal-partijiet issorġi kif isegwi:

Filwaqt li l-atturi jikkonfermaw li huma la nkarigaw lis-soċjeta' konvenuta u anqas lill-konvenuti konjuġi Cauchi eżerċjenti il-kummerċ

[39] Ref.: fattura a fol 29 kif ukoll ix-xhieda tal-atturi.
[40] Ref.: xhieda ta' Noel Chircop, direttur tas-soċjeta' konvenuta, u d-dokument a fol 143.
[41] Kopja a fol 144. Ref. ukoll id-dokumenti a fol 25 u 26.
[42] *Ibid.*
[43] Ref.: l-irċevuta tal-istess data a fol 27 kif ukoll ix-xhieda ta' Noel Chircop, direttur tas-soċjeta' konvenuta, u ta' Patrick Cutajar in rappreżentanza tal-Kontrollur tad-Dwana.

bħala *Damjan Transport Services* sabiex iġorru l-merkanzija mixtrija minnhom miċ-Ċina, b'dan li jgħidu li lis-soċjeta' konvenuta ingaġġjaha direttament il-korrispondent tagħha f'Hong Kong mentri lill-konvenuti Cauchi nkarigathom is-soċjeta' konvenuta; il-konvenut John Cauchi jikkonferma li lilu qabditu jġorr il-merkanzija is-soċjeta' konvenuta – tant li ġa fl-istadju tar-risposta tiegħu għall-avviż promotur isostni li m'għandu ebda rapport ġuridiku ma' l-atturi – mentri is-soċjeta konvenuta, tramite d-direttur tagħha Noel Chircop, taqbel li lilha ngaġġjaha l-korrispondent tagħha f'Hong Kong[44] iżda m'hijiex ċara dwar minn ingaġġja lil Cauchi fejn drabi tgħid li lil Cauchi ngaġġjawh l-atturi[45] u drabi tgħid li jista jagħti l-każ li Cauchi ġie ngaġġjat minnha stess.[46]

Hemm iżda qbil kollettiv li parti mill-merkanzija ordnata u mixtrija mill-atturi minn Hong Kong – il-parti prinċipali konsistenti fil-*mirror booth* – twasslet għand l-atturi danneġġjata ossia; mkissra b'mod li f'rapport ta' inġinier *ex parte* datat l-20 ta' Frar, 2020, l-Inġinier Mark Falzon iċċerifika l-oġġett bħala *"beyond economic repair"*.[47]

Dan il-qbil bejn il-partijiet jirriżulta kemm mix-xhieda tal-konvenuti fejn lkoll ma jinnegawx li l-oġġett twassal danneġġjat iżda jikkontestaw biss l-istadju meta seħħet il-ħsara kif ukoll mill-fatt li r-rapport tal-inġinier *ex parte* ma' ġie bl-ebda mod ikkontestat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Dwar minn ingaġġja lill-konvenuti Cauchi sabiex jittrasportaw il-merkanzija ta' l-atturi minn Ħal Far għal Għawdex din il-Qorti hija aktar propensa temmen il-verżjoni tal-atturi u ta' John Cauchi li baqgħu konsistenti f'li jgħidu li Cauchi ġie ngaġġjat għal tali xogħol mis-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited*.

Dan anke għaliex l-istess soċjeta' konvenuta ma' ikkontenditx li hija qatt ma' setgħet ingaġġjat lil Cauchi iżda kienet biss inkonsistenti fix-xhieda tagħha dwar l-istess suġġett u saħansitra ressqet provi li ma' Cauchi tant

[44] Ref.: it-tieni paragrafu ta' l-affidavit ta' Noel Chircop a fol 70.
[45] Ref.: ir-risposta tagħha għall-avviż promotur.
[46] Ref.: ix-xhieda in kontro-eżami ta' Noel Chircop.
[47] Ref.: rapport a fol 46 sa 54 bil-konklużjoni relattiva a fol 54.

ġieli ħadmet li addirittura qed tipprova tevitah għax tqiesu rresponsabbli.[48]

Dan oltre għall-fatt li d-direttur tagħha Noel Chircop xehed kjarament li wara li sar jaf bil-ħsara ripurtata mill-atturi tkellem ma' Cauchi u fuq informazzjoni miġbura minn għand Cauchi sab ukoll min kien il-*bond operator* tas-soċjeta' konvenuta li rrilaxxa l-merkanzija lil Cauchi – ċertu Aiden Galea – u mar kellem lill-istess *bond operator*.

B'dan iżda ċertament ma' jfissirx li din il-Qorti taqbel mat-teżi tal-konvenuti Cauchi li huma ma' kellhom ebda rapport jew relazzjoni ġuridika mal-atturi.

Jirriżulta li kien il-konvenut John Cauchi stess li mill-*bond* tas-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* ġabar il-merkanzija tal-atturi u dan kontra firma tiegħu li tirriżulta fuq dokument intitolat *Delivery Order 129015* datat l-20 ta' Marzu, 2019 iżda iffirmat fid-29 ta' Marzu, 2019.[49]

Tali dokument ġie wkoll iffirmat mill-*bond operator* tas-soċjeta' konvenuta – li ġie identifikat bħala Aiden Galea – għar-rilaxx ta' sitt [6] pakketti ndirizzati lill-*"Alyman Occasions"* dwar liema ma saru ebda rimarki bil-miktub dwar ħsarat fil-mument tal-ġbir tagħhom mill-*bond* tas-soċjeta' konvenuta minn Cauchi.

Infatti, fil-parti tad-dokument li tibda bil-kliem *"Received in Good Condition with the following exceptions"* fejn hemm spazju sabiex kull minn hu konċernat iħalli rimarki dwar xi dannu, il-linji reżi disponibbli għall-kummenti baqgħu vojta.

Huwa ċar għal din il-Qorti li fil-mument li John Cauchi eżerċjenti il-kummerċ bħala *Damjan Transport Services*[50] aċċetta li jirtira l-merkanzija għat-trasportar tagħha lill-atturi huwa assuma responsabbilita' għall-istess merkanzija.

---

[48] Ref.: xhieda tad-direttur tas-soċjeta' konvenuta, Noel Chircop.
[49] Ref.: kopja tad-dokuemtn a fol 61. Eżebit in atti diversi drabi oħra nkluż a fol 76 u a fol 146.
[50] Kif anke jirriżulta mill-kitba magħmulha bl-id fil-parti ta' fuq ta' l-istess dokument fejn ġie miktub il-kliem *"Damjan Delivery"*.

Dan jemani wkoll mid-diċitura tal-Artikolu 1630 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li l-vetturali bl-art jew bil-baħar:

> **1630.** *Huma obbligati għat-telf tal-ħaġa f'data lilhom, u għall-ħsarat li jiġru fiha, meta ma jippruvawx li l-ħaġa ntilfet jew ġratilha ħsara b'aċċident jew b'forza maġġuri u mingħajr ħtija tagħhom*.

Li John Cauchi mar personalment sabiex jiġbor il-merkanzija tal-atturi mil-*bond* tas-soċjeta' konvenuta u ffirma wkoll id-dokument imsemmi detto *Delivery Order 129015* ma' ġiex ikkontestat. Dan ikkonfermawh kemm ix-xhud direttur tas-soċjeta' konvenuta Noel Chircop kif ukoll John Cauchi inniffsu. Oltre għall-fatt li din il-Qorti tista' tqabbel il-firma ta' Cauchi fuq it-tali dokument mall-firma tiegħu fuq l-affidavit rilaxxat minnu fil-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni.[51]

Il-kontestazzjonijiet tal-konvenut John Cauchi dwar dan kienu tnejn; waħda relattiva għad-data li tidher fuq it-tali dokument li, meqjusa ix-xhieda dettaljata tar-rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana Patrick Cutajar u anke l-fatt li Cauchi ma nnegax li rċieva l-merkanzija tal-atturi u aċċettaha fl-istat li kienet ma timmeritax kunsiderazzjoni approfondita; oħra dwar il-fatt li skont John Cauchi, huwa bħala burdnar ikun għoddu mġiegħel jiffirma tali dokument qabel biss jista' jara l-merkaznija relattiva. U fuq dan jallaċċja t-teżi tiegħu li responsabbli għall-ħsarat għandha tkun biss is-soċjeta' konvenuta.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Ikkunsidrat allura li John Cauchi eżerċjenti l-kummerċ bħala *Damjan Transport Services* għandu rabta ġuridika ma' l-atturi, irid jiġi meqjus iż-żmien meta seħħet il-ħsara fuq l-oġġett parti mill-merkaznija minnu trasportat lill-atturi ossia, il-*magic mirror*.

F'dan ir-rigward, is-soċjeta' konvenuta *Euro Freight Services Limited* baqgħat konsistenti fil-verżjoni tagħha li l-oġġett wasal għandha miċ-Ċina fi stat tajjeb u mingħajr danni apparenti.

[51] Ref.: firma ta' John Cauchi fuq id-dokument a fol 61 u firma tiegħu fuq l-affidavit tiegħu a fol 81.

Dan jixhdu *in extenso* u konsistentement id-direttur tagħha Noel Chircop li jagħmel ukoll referenza għal dokument li ġie eżebit b'nota tas-soċjeta' konvenuta[52] - dokument intitolat *"EFS Ħal Far Bonds Unloading Report"*.[53]

Chircop jgħid illi li kieku l-merkanzija waslet f'idejhom daneġġjata, il-*bond operator* tas-soċjeta' konvenuta kien immedjatament idaħħal kumment fit-tali rapport sabiex l-istess jintbgħat barra u jinbdew proċeduri ta' assigurazzjoni.

Stranament, għalkemm tali dokument fl-aħħar kolonna tiegħu jimmarka xi tip ta' danni, jidher li l-istess dokument jirreferi għal varji konsenji mingħajr ma jidentifika lill-merkanzija ta' l-atturi speċifikatament.

Din il-Qorti tqies li kien nuqqas ta' kull parti kontendenti li la' offrew u anqas talbu spjegazzjoni opportuna dwar dan id-dokument u, aktar minn hekk, anqas ressqu lill-*bond opertaor* li ġie identifikat minn kull parti konvenuta bħala Aiden Galea sabiex jixhed dwaru u dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-lanjanza tal-atturi sa fejn dawn huma personalment magħrufa għalih.

Minkejja din l-osservazzjoni, jibqa' iżda l-fatt li s-soċjeta' konvenuta nsistit li f'idejha l-merkanzija kienet fi stat tajjeb u mingħajr danni evidenti u hi hekk irrilaxxat l-istess f'idejn il-konvenut John Cauchi. Dan mentri l-konvenut Cauchi għal darba, darbtejn jixhed li malli hu kien il-*bond* tas-soċjeta' konvenuta u kienet qed isseħħ it-tgħabija tal-pakkett indirizzat lill-atturi, m'għoġbux l-impakettar tal-merkanzija u addirittura semgħa xi ċekċik li bih qal lill-istess *bond operator* Aiden Galea. Minkejja dan, iżda, għażel li jirċievi l-merkanzija li dejjem skontu kien diġa' iffirma għalija mingħajr m'għamel xejn aktar – la nsista li jiġi emendat id-dokument iffirmat minnu filwaqt tar-rilaxx tal-merkanzija lilu u anqas kiteb lis-soċjeta' konvenuta jew għażel li jinforma lill-atturi bit-tħassib tiegħu.

Il-Qorti mhux talli tqies dan bħala nuqqas serju da parti tal-konvenut John Cauchi kieku kellha temmen din il-verżjoni tiegħu iżda tħoss li tali verżjoni hija għal kollox inverosimili.

[52] Nota a fol 142.
[53] Rapport a fol 143.

Dan għalkemm flwaqt li din il-Qorti temmen lill-konvenut John Cauchi li jista jagħti l-każ li l-proċedura fil-*bonds* ta' Ħal Far hija li dment li ma' jkunx iffirmat id-dokument li hawn qiegħed jitqies bħala li waqqa' ir-responsabbilita' fi ħdan John Cauchi, il-merkanzija ma' tiġix rilaxxata; tqies li jekk tassew John Cauchi fil-mument tat-tgħabija ra' xi difett jew semgħa xi ċekċik kien fis-setgħa tiegħu u addirittura responsabbilita' tiegħu li jekk ma jirrifjutax li jirċievi l-merkanzija għalmenu jagħmel mezz li t-tħassib tiegħu ikun rekordjat b'mod miktub – *contra testimonium scripta testimonium non scriptum non feritur*.

Dwar imbagħad l-ilment tal-istess John Cauchi li oġġett fraġli u li jiswa l-flus bħal ma kienet il-parti tal-merkanzija tal-atturi li wasslet danneġġjata kellhu jkun impakkett ferm aħjar milli kien, din il-Qorti tqies li l-insistenza ta' Cauchi li tali oġġett ma' kienx impakkettat tajjeb ftit issib konfort. Dan kemm fid-dawl tal-fatt li skond is-soċjeta' konvenuta, impakketat kif kien, dan wasal għandha fi stat tajjeb, kif ukoll fid-dawl tax-xhieda ta' l-attriċi li żżid tgħid li l-impakkettar kien ferm aktar minn dak allegat mill-konvenut John Cauchi – liema konvenut ma jirriżultax li qatt ra kif kien impakketat l-oġġett personalment stante li xehed li mal-ġbir tiegħu ma fetaħx għax ma jistax jiftaħ pakkett tan-nies filwaqt li l-istess pakkett twassal għand l-atturi u hemm infetaħ fil-preżenza tal-atturi mill-lavranti tiegħu – li wieħed minnhom, Kevin Farrugia, ukoll xehed f'dawn il-proċeduri[54] – u fl-assenza tal-konvenut John Cauchi.[55]

Din il-Qorti għalhekk isostni li l-konvenut John Cauchi eżerċjenti l-kummerċ bħala *Damjan Transport Services* assuma r-responsabbilita' għall-merkanzija li huwa għaraf bħala riċevuta minnu fi stat tajjeb iżda minnu twasslet għand l-atturi bi ħsarat estensivi.

Issir hawnhekk referenza għad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell nhar l-20 ta' Novembru, 2020 fl-ismijiet ***Alistair Borg vs Euro Freight Services Limited*** fejn, b'referenza għall-Konvenzjoni li hija nkorporata bħala Skeda fl-Att Dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali tal-Merkanzija, Kap. 486, Liġijiet ta' Malta, ġie ritenut:

[54] Ref.: affidavit a fol 82.
[55] Ref.: xhieda tal-konvenut Cauchi, paġna tnejn (2), para. (3), tal-affidavit tiegħu a fol 80 u 81.

*L-Artikolu 17.1 tal-Konvenzjoni jipprovdi dan li gej:-*

> *1. The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods <u>and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery</u>. (Emfasi ta' dan it-Tribunal).*

*L-Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni jagħmilha ċar illi l-oneru tal-prova illi t-trasportatur mhuwiex responsabbli għall-ħsara jew telf tal-merkanzija, huwa mixħut fuq l-istess trasportatur.*

*Illi l-obbligu tat-trasportatur taħt l-Artikolu 8 li jiċċekkja l-merkanzija (to check the apparent condition of the goods) għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 9, li jistabbilixxi preżunzjoni li fin-nuqqas ta' xi riżerva partikolari indikata mit-trasportatur fuq l-istess nota tal-konsenja, il-konvenzjoni toħloq presunzjoni li l-konsenja tal-merkanzija u l-ippakkjar tagħhom kienu f'kundizzjoni tajba meta t-trasportatur ħadhom f'idejh.*

[...]

*Għalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi meta l-merkanzija waslet Malta fid-9 ta' Marzu 2021 u sakemm ġiet rilaxxata fil-15 ta' Marzu 2021, din kienet f'kundizzjoni tajba u jekk kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-fornitur fl-ippakkjar, is-soċjetà intimata tilfet l-opportunità biex tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha meta hi ma ċċekkjatx il-merkanzija u ma għamlet l-ebda indikazzjoni fin-nota tal-konsenja.*

> *"Although the carrier is only required by Article 8 to check the matters stated, the inference of Article 9 is that he is expected to mention his findings in the consignment note ... it is to the note that reference will be made if a dispute over the quantity or condition of the goods arises later." (Freight Forwarding and Multimodal Transport Contracts)*

*[...]*

*Madanakollu, hija l-fehma tat-Tribunal li s-soċjetà intimata ma ressqitx provi suffiċjenti biex tinħeles mir-responsabbilità tagħha. Huwa paċifiku*

*ukoll li l-grad ta' diliġenza rikjesta f'każijiet simili mit-trasportatur hu wieħed gravi.*

> *"The carrier cannot hope, simply by showing that ordinary care was taken, to escape liability. He must show that in respect of the particular loss or damage, no failing on his part could have contributed to it. It follows that a high degree of proof is required on his part, normally by proving the actual cause and showing how it arose with no fault on his part."*

*It-Tribunal jidhirlu illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ u tenut kont li s-soċjetà kienet taf il-kontenut ta' dak li kienet ser iġġorr, is-soċjetà intimata kienet fid-dmir illi tassigura mill-bidu nett li l-merkanzija kienet ippakkjata sew, u jekk kellha xi riżervi dwar dan, ma kellhiex taċċetta l-konsenja, jew almenu kellha tiċċekkja l-kontenut mal-wasla, kif kellha kull dritt li tagħmel.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Dwar id-danni reklamati mill-atturi, din il-Qorti tagħraf li l-*magic mirror* oriġinali li akkwistaw l-atturi minn Hong Kong nxtart għal-valur ta' 5,000 Dollaru Amerikan.[56]

Wara li tali oġġett wasal għand l-atturi fi stat ta' ħsara irrimedjabbli, huma għaddew sabiex malajr ordnaw ieħor mingħand l-entita' *Resus Digital Limited,* fil-*West Midlands,* l-Ingilterra, għal-spiża ta' 5,810 Lira Sterlina.[57] Dan it-tieni oġġett din id-darba twassal Malta minn *Parnis England Trucking*.[58]

Fl-affidavit tiegħu, l-attur Manwel Spiteri għalhekk elenka s-segwenti danni bħala attribwiblbi lill-konvneuti jew min minnhom:

- EUR 5, 290.48 prezz tal-ewel oġġett li wasal imkisser;[59]
- EUR 1,510.70 f'differenza fil-prezz tat-tieni oġġett ordnat;[60]
- EUR 250 fi spejjeż tal-Inġienier Mark Falzon;[61]

[56] Ref.: il-fattura rilaxxata mill-maifattur *Qrel Technology Development Co. Limited* a fol 29
[57] Ref.: fatturi a fol 32 u 33.
[58] Ref.: dokuemtni a fol 34 u 35.
[59] Fattura a fol 29. Ref.: ukoll rendikotn bankarju paġan a fol 36.
[60] Differenza bejn il-valur fil-fattura a fol 32 – EUR 5,290.48 – u dak fil-fattura a fol 29 – EUR 1,189.63 + EUR 5,611.55 = EUR 6,801.18 skond ir-rendikont bankarju paġna a fol 37.
[61] Irċevuta a fol 24.

- EUR 29.50 spejjeż ta' l-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika relattivi għat-tieni ordni;[62]
- EUR 59 spejjez tal-kurrier għat-tieni ordni;[63]
- EUR 554.60 imgħax fuq self li kellhom jieħdu sabiex akkwistaw it-tieni oġġett,[64] u;
- EUR 61.40 spiża tal-ittra uffiċjali mibgħuta minnhom fit-28 ta' April, 2019.[65]

Id-dokumenti relattivi għat-tali spejjeż, kull fejn dawn ġew eżebiti in atti mill-attriċi waqt ix-xhieda tagħha, jinsabu fil-paġni tal-proċess mogħtija bħala noti f'qiegħ tal-paġna – *footnotes* – relattivament għall-elenku tal-ispejjeż reklamati mnissel immedjatament qabel dan il-paragrafu.

Dawn l-ispejjeż ma' ġewx kontradetti mill-konvenuti u, rigward il-valuri li ngħataw f'Dollaru Amerikan jew Lira Sterlina u bħala rata ta' kambju l-attriċi eżebit estratti mir-rendikont tal-kont bankarju konġunt tagħha u ta' l-attur li juri kif il-valuri ġew konvertiti f'Euro fil-mument tal-ħlas.[66]

Huwa minnu li l-valur ta' EUR 5,290.48 li jirrifletti t-total tal-fattura maħruġa mill-manifattur *Qrel Technology Development Co. Limited* jinkludi fih ukoll spejjeż dwar oġġetti relatti mal-ewwel *magic mirror* ordnata mill-atturi minn Hong Kong li ma jirriżultax li soffrew xi ħsara. B'dan iżda li din il-Qorti tapprezza li tali oġġetti huma konsistenti f'apparat aċċessorju għall-istess *magic mirror*. Bħala tali, u ġjaladarba ma ġiex allegat li l-istess jistgħu jintużaw għat-tieni oġġett ordnat mill-attur mill-Ingilterra bħala sostitut għal dak li tkisser in tranżitu; tali valuri mhumiex sejrin jiġu esklużi.

Din il-Qorti ma taqbilx iżda li l-atturi huma dovuti d-differenza bejn l-ewwel oġġett li ordnaw minn Hong Kong u twassal imkisser u t-tieni wieħed li ordnaw mill-Ingilterra. Dan għas-sempliċi raġuni li għalkemm l-atturi jilmentaw li huma kienu diġa' assumew xi obbligazzjonijiet fil-

[62] Fattura afol 35
[63] Irċevuta a fol 34.
[64] Kuntratt at' self a fol 39 *et seq.*
[65] Irċevuta a fol 23
[66] Ref.: rendikotn a fol 36 *et seq.*

fiera tat-tiġijiet ta' Novembru, 2018,[67] huma għamlu l-ordni għall-ewwel oġġett minn Hong Kong fit-13 ta' Jannar, 2019.[68]

Jirriżulta għalhekk li meta l-atturi daħlu fl-obbligazzjonijiet tagħhom dwar il-kiri tal-oġġett, huma ħadu riskju kalkolat li l-oġġett meħtieġ jasal, jasal fil-ħin, u jasal mingħajr problemi.

Meta mbagaħad ġie mgħarraf lilhom li tali oġġett kien wasal Malta, u dan bl-avviż mibgħut lilhom fl-20 ta' Marzu, 2019, li kien jinkludi talba għal ħlas tat-taxxa u dazju ta' dwana fil-valur ta' EUR 1,288.10;[69] huma għamlu l-ħlas relattiv fis-26 ta' Marzu, 2019.[70]

Oltre minn hekk, wara li l-ewwel oġġett twassal għandhom imkisser, u dan fit-30 ta' Marzu 2019;[71] jirriżulta li t-tieni ordni tagħhom, din id-darba mill-Ingilterra, saret fis-26 ta' April, 2019,[72] allura kważi xahar wara.

Il-Qorti tifhem li fil-frattemp l-atturi setgħu kienu qiegħdin jittentaw jirrisolvu d-diverġenza mal-konvenuti u anke jottjenu s-self li jgħidu li ġew bżonn mill-bank b'konsegwneza tal-ħsara ripurtata fl-oġġett li ordnaw l-ewwel – self li kull kif ingħata fis-26 ta' April, 2019.[73]

B'dan iżda li din il-Qorti trid ukoll tqies li skond il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-danni, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-atturi milli jispjegaw xi ġara lill-klijenti tagħhom li kienu diġa' krew il-*magic mirror* minn għandhom u forsi jsibu soluzzjoni diversa mill-ordni tat-tieni oġġett mill-Ingilterra. Dan speċjalment jekk tant din il-kwistjoni poġġithom f'qagħda finanzjarja prekarja u partikolarment meta l-attur inniffsu jixhed li kull ma kellhom kirjiet kienu erba' [4].[74]

Din il-Qorti tqies għalhekk li m'għandix tagħti d-diskrepanza fil-prezz raklamata mill-atturi bejn l-ewwel u t-tieni ordni tagħhom. Għall-istess raġuni ma tqiesx li għandha takkorda l-imgħax fuq is-self jew valuri

---

[67] Ref.: xhieda tal-atturi.
[68] Ref.: fattura a fol 29 kif ukoll ix-xhieda tal-atturi.
[69] Ref.: avviż a fol 144.
[70] Ref.: dokumenti a fol 25, 26, u 27 flimkien max-xhieda ta' Patrick Cutajar in rappreżentanza tal-Kuntrollur tad-Dwana ċċitata fil-*footnote* numru ħdax (11) *supra*.
[71] Ref. xhieda tal-atturi u tal-konvenut John Cauchi.
[72] Ref.: "*Invoice Date*" imnissla fuq żewġ fatturi ta' *Resus Digital Limited* a fol 32 u 33.
[73] Ref.: data fuq il-kuntratt ta' self a fol 43a.
[74] Ref.: para sitta (6), paġna tnejn (2) tal-affidavit tiegħu a fol 15 *et seq*.

ulterjuri relattivi għat-tieni ordni tagħhom mill-Ingilterra bħala parti mid-danni subiti mill-atturi.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha konformement ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba attriċi limitatament għall-valur ta' ħamest' elef, sitt mija u Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€ 5,601.88) konsistenti fil-valur tal-ewwel ordni tagħhom, l-ispiża tal-inġinier *ex parte*, u l-ispiża relattiva għall-ittra uffiċjali numru 212/2019 tat-8 ta' April, 2019 u tikkundanna lill-konvenuti konjuġi John u Annunziata Cauchi jħallsu l-istess valur fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża u ta' l-ittra uffiċjali numru 212/2019 tat-8 ta' April, 2019 a karigu tal-konvenuti konjuġi John u Annunziata Cauchi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur